**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 25 ta' Frar, 2021**

**Rikors Guramentat Nru: 872/2017 AF**

**Ice Net SA socjetà registrata l-Isvizzera bin-numru ta' registrazzjoni CHE-209.397.503 kif rapprezentata mill-mandatarja taghha l-Avukat Dr Ryan Falzon**

**vs**

**EFT Global Limited (C-56489)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjetà attriċi ICE Net SA, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Il-kumpannija attriċi hija parti mill-grupp ta' kumpanniji bl-isem *Flex Multimedia Group li* joperaw fil-qasam tal-*gaming, dating* u divertiment fost l-oħrajn, u tiġġestixxi s-sistemi ta' pagamenti online tad-diversi *websites* tal-kumpanniji li jifformaw parti mill-imsemmi *Flex Multimedia Group*.

Il-kumpannija attriċi daħħlet fi ftehim mal-kumpannija intimata sabiex l-imsemmija kumpannija intimata tipproċessa transazzjonijiet li jsiru fuq il-websites tal-*Flex Multimedia Group* permezz ta' *payment cards,* u cioè sabiex tipproċessa dawk illi komunement huma magħrufin bħala *card not present transactions.* Dan ifisser illi l-kumpannija intimata tipproċessa dawn it-transazzjonijiet billi aġixxi bħala intermedjarja bejn (a) il-konsumatur (komunement magħruf bħala l-*cardholder*) li jixtri oġġett jew servizz minn fuq sit tal-internet u li jħallas permezz ta' *payment card*, (b) dak li komunement imsejjeħ bħala l-*Online Merchant* li huwa l-venditur (permezz tas-sit elettroniku tiegħu tas-servizz jew oġġett) u (c) kif ukoll bejn dawk li huma komunement imsejjħin bħala 'Card Schemes' bħal pereżempju Visa Europe ("Visa") u MasterCard Worldwide ("Mastercard"). Il-kumpannija esponenti hija meqjusa bħala *online merchant* f'dan il-kuntest.

Filwaqt li l-imsemmi ftehim bejn il-partijiet, kopja ta' liema huwa hawn anness u mmarkat Dok. IN2, jirrigwarda numru ta' *websites* tal-kumpannija esponenti, tali ftehim ġie sussegwentement taċtament estiż għall-websites oħra tal-kumpannija esponenti.

Ir-rwol tal-kumpannija intimata huwa li tassisti l-esponenti sabiex tirċievi ħlas tal-pagamenti li jkunu saru bil-*payment cards* tal-Mastercard jew Visa (jew oħrajn) fuq is-siti tal-*Flex Multimedia Group*, b'dan illi tgħaddi tali pagamenti lill-esponenti u tirkupra l-istess mingħand Mastercard jew Visa skont il-każ.

Skont il-ftehim *de quo*, l-kumpannija intimata obbligat ruħa tgħaddi l-imsemmijin flejjes riċevuti minnha lill-kumpannija rikorrenti flimkien ma' redikont ta' kull transazzjoni fi żmien ħmistax-il ġurnata, salv għaxra fil-mija (10%) tal-valur tat-transazzjonijiet għal perjodu relattiv, magħruf bħala *rolling*

*reserve*, liema ammont jinżamm ġo *reserve account* ġestit mill-kumpannija intimata u jiġi mgħoddi lill-kumpannija rikorrenti wara mija u tmenin (180) ġurnata kemm-il darba ma jkunx hemm *chargebacks* fuq it-transazzjonijiet in kwistjoni, u dan skont ir-regolamenti ta' VISA u Mastercard, kif ukoll liġijiet tal-Unjoni Europea li jirregolaw dawn it-transazzjonijiet.

In oltre, l-kumpannija intimata obbligat ruħha li tagħti aċċess kontinwu għat-transazzjonijiet b'mod *real time* fuq *online platform* tagħha.

Fit-12 ta' Ottubru 2016, mingħajr ebda raġuni valida u/jew spjegazzjoni, il-kumpannija intimata itterminat ir-relazzjoni tagħha mal-kumpannija attriċi u blokkat l-aċċess tal-kumpannija attriċi għall-*online platform,* b'dan illi l-kumpannija attriċi m'għandiex aktar aċċess għall-informazzjoni fuq it-transazzjonijiet li saru bejn il-15 ta' Settembru 2016 u t-12 ta' Ottubru 2016, u dunque il-flejjes li għanda tirċievi il-kumpannija attriċi minn tali transazzjonijiet li saru fl-imsemmi perjodu.

Il-valur kumplessiv ta' flejjeż tar-*rolling reserve* li huma dovuti lill-kumpannija attriċi mill-kumpannija intimata sal-15 ta' Settembru 2016 huwa dak ta' seba' u sittin elf u tmienja u ħamsin Euro u seba' u erbgħin ċenteżmu (€67,058.47) rappreżentanti in kwantu is-somma ta' tlieta u sittin elf tlett mija tmienja u sittin Euro u ċenteżmu (€63,368.01) depożiti fil-Euro *reserve account* u in kwantu s-somma ta' erbat elef mitejn u tmien Swiss Francs u tmintax-il ċenteżmu (CHF4,208.18) ekwivalenti għal tlett elef sitt mija u disgħin Euro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€3,690.46) (skont ir-rata tal-kambju tad-29 ta' Awwissu 2017) depożiti fis-CHF *reserve account*.

Il-valur kumplessiv ta' flejjes minn transazzjonijiet li huma dovuti lill-kumpannija attriċi mill-kumpannija intimata sal-15 ta' Settembru 2016 huwa dak ta' wieħed u tletin elf mija ħamsa u erbgħin Euro u erbatax-il ċenteżmu (€31,145.14) rappreżentanti in kwantu is-somma ta' tmienja u għoxrin elf sitt mija u tlettax-il Ewro u wieħed u tletin ċenteżmu (€28,613.31) għat-transazzjonijiet bl-Ewro u in kwantu s-somma ta' elfejn tmien mija seba' u tmenin Swiss Francs u tlett ċenteżmi (CHF2,887.03) ekwivalenti għal elfejn ħames mija wieħed u tletin Euro u tlieta

u tmenin ċenteżmu (€2,531.83) (skont ir-rata tal-kambju tad-29 ta' Awwissu 2017) għat-transazzjonijiet bis-CHF.

In oltre, minħabba li l-kumpannija intimata naqset milli taghti l-informazzjoni rikjesta fir-rigward tal-ammonti dovuti lill-kumpannija attriċi għat-transazzjonijiet u *rolling reserves* għall-perjodu ta' bejn il-15 ta' Settembru 2016 u t-12 ta' Ottubru 2016, il-kumpannija attriċi ma hijiex f'posizzjoni illi tillikwida dawn l-ammonti.

Minkejja li ġiet interpellata kemm-il darba sabiex tipprovdi l-informazzjoni u tħallas l-ammonti dovuti, anke permezz ta' ittra uffiċjali li ma rrispondietx għaliha, il-kumpannija intimata baqgħat inadempjenti.

Intalbet din il-Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara lill-kumpannija intimata bħala debitriċi tal-kumpannija attriċi fis-somma ta' tlieta u sittin elf tlett mija tmienja u sittin Euro u ċenteżmu (€63,368.01) rappreżentanti depositi miżmuma mill-kumpannija intimata fil-Euro *rolling reserve* sal-15 ta' Settembru 2016.

2. Tiddikjara lill-kumpannija intimata bħala debitriċi tal-kumpannija attriċi fis-somma ta' erbat elef mitejn u tmien Swiss Francs u tmintax-il ċenteżmu (CHF4,208.18) ekwivalenti għal tlett elef sitt mija u disgħin Euro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€3,690.46) (skont ir-rata tal-kambju tad-29 ta' Awwissu 2017) rappreżentanti depositi miżmuma mill-kumpannija intimata fis-CHF *rolling reserve* sal-15 ta' Settembru 2016.

3. Tiddikjara lill-kumpannija intimata bħala debitriċi tal-kumpannija attriċi fis-somma ta' tmienja u għoxrin elf sitt mija u tlettax-il Euro u wieħed u tletin ċenteżmu (€28,613.31) rapprezentanti s-somma dovuta mill-kumpannija intimata għall-pagamenti għat-transazzjonijiet bl-Ewro sal-15 ta' Settembru 2016.

4. Tiddikjara lill-kumpannija intimata bħala debitriċi tal-kumpannija attriċi fis-somma ta' elfejn tmien mija seba' u

tmenin Swiss Francs u tlett ċenteżmi (CHF2,887.03) ekwivalenti għal elfejn ħames mija wieħed u tletin Euro u tlieta u tmenin ċenteżmu (€2,531.83) (skont ir-rata tal-kambju tad-29 ta' Awwissu 2017) rapprezentanti s-somma dovuta mill-kumpannija intimata għall-pagamenti għat-transazzjonijiet bis-CHF sal-15 ta' Settembru 2016.

5. Tillikwida l-ammont dovut mill-kumpannija intimata lill-kumpannija rikorrenti għall-pagamenti tat-transazzjonijiet għall-perjodu ta' bejn il-15 ta' Settembru 2016 u t-12 ta' Ottubru 2016, occorrendo bin-nomina ta' periti nominandi.

6. Tillikwida l-ammont dovut mill-kumpannija intimata lill-kumpannija rikorrenti għall-pagamenti fir-*rolling reserves* għall-perjodu ta' bejn il-15 ta' Settembru 2016 u t-12 ta' Ottubru 2016, occorrendo bin-nomina ta' periti nominandi.

7. Tikkundanna lill-kumpannija intimata sabiex tħallas lill-kumpannija rikorrenti l-ammonti kollha hekk likwidati,

Bl-ispejjeż kontra l-kumpannija intimata nġunta għas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjetà konvenuta Eft Global Limited, li permezz tagħha eċċepiet illi:

Mhuwiex kontestat illi bejn il-partijiet kien jezisti ftehim datat s-16 ta' Gunju 2015, imsejjah 'EFT Global Merchant Agreement', li kopja tieghu giet annessa mar-rikors guramentat u mmarkata bhala Dok. IN2.

Matul il-perjodu illi fih il-ftehim kien vigenti bejn il-partijiet, is-socjetà attrici wettqet ksur tal-istess ftehim, senjatament ta' klawsola numru 1.2.

Hekk kif specifikat fl-istess klawsola 1.2, tali ksur seta' jirrizulta fit-terminazzjoni tal-ftehim.

Inoltre, jekk il-parti msejjha 'the merchant' (f'dan il-kaz is-socjetà rikorrenti) tkun kisret il-ftehim, is-socjetà intimata kellha d-dritt illi tisspondeni l-pagamenti dovuti lis-socjetà rikorrenti matul l-investigazzjoni tal-kwistjoni u kellha wkoll tiddeciedi fuq ammont ta' fondi illi l-istess socjetà rikorrenti kellha zzomm ('Reserve Account') sabiex tipprotegi lilha nnfisha minn riskji rizultanti minn tali ksur u dan ai termini tal-klawsola 5.8.1.

Minkejja illi s-socjetà intimata talbet informazzjoni dwar il-ksur tal-klawsola 1.2 sabiex tkun tista' tiddetermina r-riski taghha rizultanti mill-ksur ai termini tal-klawsola 5.8.1, din l-informazzjoni baqghet ma gietx provdutha lilha u ghalhekk l-ebda ammont ma jista' jithallas lis-socjetà rikorrenti.

Ghaldaqstant, it-talba tas-socjetà intimata hija intempestiva u l-ammonti li qed tippretendi s-socjetà rikorrenti mhumiex enforzabbli kontra s-socjetà intimata sakemm jigu stabbiliti u l-ammonti ai termini tal-klawsola 5.8

Is-socjetà intimata qed tirrezerva minn issa kwalunkwe dritt taghha kontra s-socjetà attrici.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-soċjetà attriċi.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawża, s-soċjetà attriċi qiegħda titlob lill-Qorti tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallasha għall-pagamenti tat-transazzjonijiet kif ukoll tar-*rolling reserves* għal perjodu ta' bejn il-15 ta' Settembru 2016 u t-12 ta' Ottubru 2016 u dan skont dak maqbul u stipulat fil-kuntratt li kien jirregola r-relazzjoni bejn il-partijiet.

Mill-provi prodotti jirriżulta li s-soċjetà attriċi (minn issa 'l quddiem imsejjħa 'ICE Net') tiġġestixxi s-sistema ta' pagamenti *online* ta' diversi *websites* tal-kumpanniji li jiffurmaw parti mill-grupp ta' kumpanniji bl-isem ta' Flex Multimedia Group, li minnhom tagħmel parti wkoll ICE Net. Is-soċjetà konvenuta (minn issa 'l quddiem imsejħa 'EFT Global') hija istituzzjoni finanzjarja liċenzjata mill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta bħala *payment institution.*

Fis-16 ta' Ġunju 2015, ICE Net u EFT Global daħlu f'*merchant agreement* sabiex EFT Global tipprovdi s-servizzi tagħha u tipproċessa l-ħlasijiet li l-klijenti ta' Flex Multimedia Group ikunu għamlu *online* permezz tal-*cards* tagħhom, komunament magħrufa bħala *card not present transactions*.

Rilevanti għall-każ tal-lum, ġie stipulat li:

*1.1 The Merchant is approved for the following business Gaming/Dating/Retail/Tv Subscription, and is approved for the URLs as outlined in Appendix 2.*

*1.2 Any change in the business or URLs requires written notification to EFT Global and requires an amendment to this agreement by both parties as per change notice in clause 10, version 1, EFT Global Merchant Terms and Conditions. Failure to do so will result in termination of this agreement.*

*5.4.3 The Proceeds payable to the merchant shall be equal to the amounts received by EFT Global in respect of the merchant's Sales Records minus the sum of the following:*

*5.4.3.1 all fees, charges and discounts set forth in Schedule A;*

*5.4.3.2 all adjustments and Chargebacks;*

*5.4.3.3 all equipment charges (if any);*

*5.4.3.4 all Cardholder refunds and adjustments;*

*5.4.3.5 all Reserve Account amounts; and*

*5.4.3.6 any fees, charges, fines, assessments, penalties or other liabilities that may be imposed on us or from time to time by the Associations.*

*5.8.1 If*

*5.8.1.1 there is a material, adverse change in the merchant's financial condition or their payment record with creditors, or the merchant or any of its affiliates become the subject of insolvency proceedings;*

*5.8.1.2 the merchant are in material default of this Agreement;*

*5.8.1.3 the merchant change your* [sic] *billing practice in relation to shipment of merchandise or fulfillment of service or change refund procedures currently in place, and the merchant fail to notify EFT Global in advance in accordance with the provisions of this Agreement;*

*5.8.1.4 The merchant are* [sic] *receiving excessive Chargebacks (as defined in Clause 7.2 below);*

*5.8.1.5 the merchant significantly alter the nature of their business or product lines;*

*5.8.1.6 EFT Global have reasonable grounds to believe that they may be or become liable to third parties for the provisional credit extended to the merchant or that the merchant may be liable to their Card sale customers, Card Issuers or the Associations; or*

*5.8.1.7 EFT Global have reasonable grounds to believe that they may be subject to any additional liabilities, including, without limitation, any fines, fees, or penalties assessed against EFT Global by any of the*

*Associations, arising out of or relating to their Transactions, merchants Chargebacks or merchants failure to comply with this Agreement, any of the Association rules or the Security Guidelines,*

*EFT Global may temporarily suspend payments to the merchant during any investigation of the Issue and/or designate an amount of funds that EFT Global must maintain in order to protect EFT Global agains the risk of existing or anticipated Chargebacks and to satisfy the merchants current and future obligations under this Agreement (such funds being hereinafter referred to as the 'Reserve Account'). EFT Global may fund or procure the funding of the Reserve Account by using any of the options available to it for the purposes of funding a negative balance as set out in Clause 4.6. EFT Global shall have sole control of the Reserve Account. EFT Global may, at any time, require that the amount on deposit in the Reserve Account be increased.*

*6.3* *If, in EFT Global reasonable opinion, they* [sic] *think the merchant may incur any liability to EFT Global (either under this Agreement or in any other context), then EFT Global may delay paying the merchant any sums under this Agreement until either:*

*6.3.1* *the liability is incurred, in which event EFT Global will pay to the merchant the balance of the sums due to the merchant after EFT Global have deducted the amount of the liability; or*

*6.3.2* *EFT Global are satisified that no such liability will be incurred or if EFT Global think that the merchant will nevertheless re-imburse EFT Global promptly, if and when required.*

ICE Net tispjega li skont il-ftehim bejn il-partijiet, EFT Global kienet obbligata li tgħaddilha l-flus tat-transazzjonijiet flimkien ma rendikont ta' kull transazzjoni fi żmien ħmistax-il ġurnata salv għall-10% tal-valur ta' kull transazzjoni, magħruf bħala

*rolling reserve* (peress li dan it-tip ta' kont jiġi kreditat u debitat kontinwament), liema ammont kellu jinżamm minn EFT Global għal 180 ġurnata f' każ ta' xi *chargebacks* kif ukoll skont ir-regolamenti tal-*card schemes* bħal ma huma VISA u Mastercard kif ukoll skont il-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Mill-*merchant agreement* esebit bejn il-partijiet jirriżulta li mill-flus li tiġbor EFT Global għal kull transazzjoni, hija kellha dritt tnaqqas ukoll dak kollu msemmi fil-klawżola 5.4 tal-ftehim.

Mhux kontestat illi fit-12 ta' Ottubru 2016, EFT Global itterminat ir-relazzjoni tagħha ma' ICE Net u mblukkat l-aċċess li kellha ICE Net għall-*online platform* ta' EFT Global. EFT Global għadha sal-lum tirrifjuta li tgħaddi lil ICE Net il-flus tat-transazzjonijiet li saru bejn il-15 ta' Settembru 2016 u t-12 ta' Ottubru 2016 kif ukoll ir-*rolling reserve* relattiv għal dak il-perjodu.

EFT Global teċċepixxi li ICE Net wettqet ksur tal-*merchant agreement*, senjatament il-klawżola 1.2 u li tali ksur seta' jirriżulta fit-terminazzjoni tal-ftehim. Tkompli billi teċċepixxi li hija għalhekk kellha d-dritt illi tissospendi l-pagamenti dovuti lil ICE Net matul l-investigazzjoni tal-kwistjoni u kellha tiddeċiedi dwar kemm ser iżżomm mir-*reserve account* sabiex tipproteġi lilha nfisha mir-riskji riżultanti mill-ksur tal-ftehim ai termini tal-klawżola 5.8.1.

EFT Global teċċepixxi wkoll illi hija talbet informazzjoni lil ICE Net sabiex tkun tista' tiddetermina r-riskji tagħha iżda din l-informazzjoni baqgħet ma waslitx u allura f'dan l-istadju l-ebda ammont ma jista' jitħallas lil ICE Net.

Għaldaqstant, hija teċċepixxi li din il-kawża hija intempestiva u t-talbiet mhumiex enforzabbli sakemm jiġu stabbiliti r-riskji u l-ammonti li għandhom jinżammu minn EFT Global ai termini tal-klawżola 5.8 tal-*merchant agreement*.

ICE Net tiċħad illi hija wettqet xi ksur tal-*merchant agreement*. Il-Qorti tinnota li l-provi kollha fl-atti tressqu minn ICE Net stante li EFT Global, li għażlet li ma tqabbadx avukat ieħor wara li l-avukati tagħha rrinunzjaw għall-patroċinju fil-mori tal-kawża, ma ressqet l-ebda provi u jidher illi saħansitra d-diriġenti tagħha m'għadhomx Malta u l-uffiċju qiegħed jinżamm magħluq.

Mill-iskambju ta’ *e-mails* esebiti mix-xhud Colin Jones, li fil-2016 kien direttur u *chief financial officer* ta’ EFT Global, jirriżulta li EFT Global kienet qed tinsisti li ICE Net kissret il-kundizzjonijiet tal-*merchant agreement* minħabba i) *payment facilitation* ii) *mis-coding* u iii) *transaction laundering*. Jirriżulta wkoll illi Colin Jones kien ta parir lid-diriġenti l-oħra ta’ EFT Global illi ma jibqgħux jaħdmu aktar ma’ ICE Net minħabba r-riskji li ICE Net kienet qiegħda tesponi lil EFT Global għalihom.

Din il-Qorti tħoss illi m’għandhiex għalfejn tidħol fil-mertu tal-kwistjoni dwar jekk verament ICE Net wettqitx xi ksur tal-kundizzjonijiet tal-*merchant agreement*. L-ewwelnett, għaliex EFT Global ma ġabet l-ebda prova konkreta sabiex tissostanzja t-teżi tagħha iżda aktar minn hekk, EFT Global kien imissha, fid-dawl tan-nuqqas ta’ qbil bejn il-partijiet, tipproċedi ġudizzjarjament kontra ICE Net għal dikjarazzjoni ta’ ksur tal-kuntratt u mhux tirrifjuta li tirrilaxxja l-flus bl-iskuża li l-investigazzjonijiet għadhom għaddejjin sena wara li tterminat il-kuntratt.

Il-Qorti żżid tgħid illi minn imkien mill-atti ma jirriżulta li ġew imposti xi penali fuq EFT Global jew li sofriet xi danni minħabba xi ksur tal-*merchant agreement* da parti ta’ ICE Net. Filwaqt illi jidher li EFT Global kienet qiegħda tippretendi li timponi xi penali hi fuq ICE Net, ma jirriżultax mill-*merchant agreement* li hija setgħet tiddeċiedi u timponi xi penali arbitrarjament. Isegwi għalhek illi EFT Global m’għandha l-ebda raġuni valida sabiex tkompli żżomm il-flus ta’ ICE Net.

Dwar il-quantum tal-flus ta’ ICE Net miżmuma minn EFT Global jidher li ma hemmx kontestazzjoni. ICE Net ippreżentat kopja ta’ *e-mail* mingħand Audrey Vilain għal EFT Global datat 9 ta’ Mejju 2017 minn fejn jirriżulta li EFT Global kienet qiegħda tirrikonoxxi li huwa dovut lil ICE Net l-ammont ta’ €100,722 u CHF 7693 (Swiss Francs), illum ekwivalenti għal madwar €7136.

Skont Christophe Chazelle għal ICE Net, EFT Global qiegħda żżomm is-segwenti flus ta’ ICE Net:

i. €63,368.01 bħala bilanċ tal-fondi miżmuma fir-*rolling reserve account* fil-munita Ewro;

ii. €3,894.10 bħala l-ekwivalenti fil-munita Ewro tal-bilanċ fir-*rolling reserve account* fil-munita CHF;

iii. €28,613.31 bħala bilanċ għal transazzjonijiet sal-15 ta' Settembru 2016;

iv. €2,671.58 bħala l-ekwivalenti fil-munita Ewro għal transazzjonijiet sal-15 ta' Settembru 2016 fil-munita CHF;

v. €8,740.47 bħala bilanċ għal transazzjonijiet mill-15 ta' Settembru 2016 sat-12 ta' Ottubru 2016;

vi. €553.17 bħala l-ekwivalenti fil-munita Ewro għal transazzjonijiet mill-15 ta' Settembru 2016 sat-12 ta' Ottubru 2016 fil-munita CHF.

Fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma li l-eċċezzjonijiet ta' EFT Global għandhom jiġu miċħuda u t-talbiet attriċi milqugħa.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta, tilqa' t-talbiet attriċi u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas komplessivament is-somma ta' €107,840.64 mija u sebat elef, tmien mija u erbghin ewro u erbgha u sittin centezmu, bl-imghaxijiet mid-data ta' din is-sentenza.

L-ispejjeż jitħallsu mis-soċjetà konvenuta.

IMHALLEF

DEP/REG